MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 97/8

**L-Erbgħa 6 ta' Settembru 2023**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
Marija Micallef – Viċi Sindku
George Fenech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

097.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

097.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

097.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

097.4 Attivita tal-Clean Up 2023;

097.5 Attivita Tal-Milied 2023;

097.6 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Ġemellaġġ mar-raħal ta` Giove, l-Italja;

097.7 Rapporti; Financial Quarterly Report (Jan-June 2023);

097.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

097.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Ġnien Raymond Caruana – progress
c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress
   Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Gholjiet and Sqaq il-Logga in Gudja
e. Proġett tal-Pjazza – progress
f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

097.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

097.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 097.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li kien hemm ittri ta` apoloġija mill-Kunsilliera A Amri Brincat. Din it-talba ġiet aċċettata minn dawk preżenti.

**097.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 96/08 nem con.

**097.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

097.3.1 Is-Sindku qrat ir-rapport ta` ħidma li ġie preparat mill-Contracts Manager għax-xahar ta` Awwissu 2023. Dan ir-rapport ġie ċċirkulat lill-kunsilliera qabel din il-laqgħa. Is-Sindku spjegat li skond ir-rapport is-servizz tal-knis kien tjieb mill-aħħar li tkellimna mall-kuntrattur. Rigward il-ġbir tal-iskart, ghad fadal ftit problemi imma s-servizz tjieb ħafna. Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għal magni tal-BCRS, fejn talab sabiex isir iktar tindif regolari mad-dawra tal-istess magna. Rigward is-servizz tal-bulky refuse, is-Sindku pproponiet sabiex isir avviż ta' kif isir il-ġbir ta' dan is-servizz fuq il-media soċjali.

097.3.2 Is-Sindku għamlet referenza għas-sejħa tal-offerti dwar ix-xogħol fit-toroq rurali, fejn is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-aġudikazzjoni saret u ġiet ffinaliżata u għalhekk kien fadal biss li jiġi awarded it-tender. (Ref: 097.9 d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja).

097.3.3 Is-Sindku għamlet referenza għal aħħar ftit xogħlijiet li fadal pendenti fil-proġett ta' Triq Santa Katerina u t-toroq tal-madwar. Is-Sindku żiedet tgħid li l-kuntrattur qed jitlob li jitħallas qabel jagħmel dawn ix-xogħlijiet pendenti. Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qabblu li jingħata ħames t'elef ewro fl-ewwel ġurnata li jibda xogħlijiet u l-kumplament jingħataw sa Ottubru 2023, kif jitlestew ix-xogħlijiet kollha.

097.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li x-xogħlijiet fi Triq iż-Zebbuġa qegħdin fil-fażi li jinbdew ix-xogħlijiet hekk kif jinġieb l-aħħar permess TM.

097.3.5 Is-Sindku għamlet referenza għall-korrispondenza relatata mat-tindif tal-ġibjun fi Ġnien R.Caruana fejn il-Kunsill għadu jistenna direzzjoni mingħand id-DG. Ġiet preżentata l-

korrispondenza li ntgħatet fuq il-pavimentar li ser jintuża għal Ġnien R.Caruana, fejn il-Kunsill qabel dwar il-materjal li ser jiġi wżat.

097.3.6 Preżentata korrispondenza dwar il-kuntratt il-ġdid tal-Libreriji Pubbliċi, fejn kopja ta' dan id-draft contract intbgħatet qabel din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

18.05hr Il-Viċi Sindku M Micallef ingħaqdet fil-laqgħa.

097.3.7 Is-Sindku preżentat korrispondenza li ntbgħatet mill-kumpanija li qed toffri l-għalf tal-ħamiem biex jiġi steralizzat fejn il-kuntratt wasal biex jiskadi. Dawk preżenti qabblu li s-sitwazzjoni bagħqet l-istess anzi kien hemm partijiet fejn anke ġiet agħar.

097.3.8 Preżentata korrispondenza dwar il-parlament taż-żgħażagħ fejn ġejna mitluba li nominaw żgħażugħ biex jippreżenta lill-Kunsill f'din is-seduta parlamentari. Il-Kunsill qabel li jibgħat korrispondenza lill-għaqdiet taż-żgħażagħ sabiex juru l-interess tagħhom.

097.3.9 Preżentata korrispondenza li ntbgħatet mill-Grupp Armar Santa Marija fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-permessi relatati mall-arblu fi Vjal it-Torri, l-imsemmija għaqda qed titlob li dawn għandhom isiru fuq Soċjetà Filarmonika La Stella la darba din is-Soċjeta' ser tkun hi responsabbli mill-proċessi konċernati kif ukol għall-finanzjament tiegħu.

097.3.10 Preżentata korrispondenza li rċivejna mingħand The Malta Experience dwar attivita' kulturali li l-Kunsill jista' jorganizza. Il-Kunsill qabel li ssir attivita' kulturali lir-residenti Gudjani fit-3 ta' Novembru.

097.3.11 Preżentata korrispondenza dwar ic-charging pillars fil-lokalita' tal-Gudja, fejn il-membri tal-Kunsill qabblu li jsiru fil-postijiet indikati f'din il-korrispondenza.

097.3.12 Ġie preżentat il-kuntratt li ntbgħat mill-Għaqda Mużikali Marija Assunta, fejn dawk preżenti qabblu li dan il-kuntratt għandu jkun fih l-istess klawżoli bħal tas-Soċjeta' l-oħra qabel dan jiġi ffirmat.

097.3.13 Preżentata korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqda Mużikali Marija Assunta sabiex il-Kunsill jipprovdi żewġ uffiċċjali fis-Sibt tal-festa meta jinħaraq in-nar. Il-Kunsill approva li jħallas din l-ispiża liż-żewġ għaqdiet tal-festi.

097.3.14 Is-Sindku għamlet referenza għal korrispondenza dwar il-proposti tal-parkeġġ residenzjali fejn proponiet li ssir laqgħa nformali dwar dan is-suġġett, fejn issuġġeriet li ssir laqgħa nhar it-Tlieta 12 ta' Settembru 2023.

097.3.15 Preżentata korrispondenza li ntbagħtet mill-Għaqda Mużikali Maria Assunta dwar attivita' fil-pjazza nhar s-7 ta' Ottubru. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**097.4 Attività tal-Clean Up 2023;**

Is-Sindku għamlet referenza għal attività tal-Cleanup Day 2023, fejn infurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill kien prepara l-affarijiet kollha għal din l-attivita'. Il-membri tal-Kunsill ftehmu li jintaqgħu fis-7.30am fejn fl-uffiċċju tal-Kunsill.

**097.5 Attività tal-Milied 2023;**

Il-Kunsill qabel li jibgħat ittra lill-għaqdiet kollha tal-lokal sabiex juru l-interess tagħhom sabiex jarmaw stall waqt l-attivita' tal-Milied. Il-Kunsill qabel ukoll li jibgħat avviż lill-ħwienet li jixtiequ jipparteċipaw u kif ukoll nagħmlu avviż għal dawk li jixtiequ jarmaw bl-arteġġjanat.

Il-Kunsill qabel li japplika għal żewġ meters ta'dawl temporanju, wieħed biex jissuplixxi l-palk u l-meter l-ieħor biex jintuża mall-stands tal-ikel u x-xorb.

Wara li ġew preżentati l-kwotazzjonijiet tal-bands, il-Kunsill approva lill-Brass House Unit sabiex tagħti l-kunċert tagħha nhar is-Sibt 2 ta' Diċembru 2023.

Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill jinvolvi ż-żewg baned tal-lokal sabiex jagħmlu mass band nhar is-Sibt 2 ta' Diċembru billi jdoqqu kanzunetti tal-Milied. Din l-attivita' ssir bejn il-5.30pm u s-7:00pm madwar it-toroq tal-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti u s-Sindku talbet sabiex tintbagħat ittra liż-żewġ għaqdiet.

Il-Kunsill qabel li wara l-mass band, bejn is-7:00pm u t-8:00pm jiġu mistiedna kantanti lokali biex jkantaw fuq il-palk u tgħalaq is-serata il-Brass House Unit b'sagħtejn kunċert sal-10.15pm.

Ġie preżentat il-poster li ġie mħejji għal din l-attivita' fejn inġibdet l-attenzjoni sabiex l-emblema tal-Kunsill titpoġġa fejn il-logos l-oħra u jinbidel il-font tal-ħinijiet u l-post. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex minflok Triq San Mark jinkiteb fejn Ġnien Raymond

Caruana u taħt il-Maġija tal-Milied titnieżel fil-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**097.6 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Ġemellaġġ mar-raħal ta` Giove, l-Italja;**

Is-Sindku preżentat ir-Rapport tal-Ġemellagg mar-raħal ta' Giove fl-Italja għall-approvazzjoni. Dan ir-rapport intbgħat lill-Kunsilliera minn qabel. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill japprova dan ir-rapport. Il-Kunsillier G Fenech issekonda u r-rapport ġie approvat minn dawk preżenti.

**097.7 Rapporti; Financial Quarterly Report (Jan-June 2023);**

Is-Sindku preżentat il-Quarterly Financial Report minn Jannar sa` Ġunju 2023. Dan irrapport ġie approvat unanimament.

**097.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

097.8.1 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jitlob Traffic management għat-toroq ta' wara d-Duluri u t-toroq tal-madwar.

097.8.2 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għat-tgeddis kmieni u li jinġabar wara.

097.8.3 Il-Kunsillier G Fenech propona sabiex fil-lokalita' tal-Gudja jkollna community policing għal aktar sigurta' fil-lokalita'.

**097.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

**a. Triq iż-Żebbuġa – progress**

**b. Ġnien Raymond Caruana – progress**

**c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li x-xogħlijiet fuq il-ħitan tas-sejjieħ fl-area ta' Loreto ser jinbdew matul dan ix-xahar u huwa previst li jitlestew sal-aħħar ta' Diċembru 2023.

**d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress**

**Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Gholjiet and Sqaq il-Logga in Gudja**

**e. Proġett tal-Pjazza – progress**

**f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**097.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 53/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku M Micallef sekondata mill-Kunsillier S Caruana għall-ammont totali ta' €23,852.39 u ġiet approvata nem con.

**097.11 Tmiem tal-Laqgha**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija (8:00pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tlieta 10 ta' Ottubru 2023 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 10 ta' Ottubru 2023

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv